**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 64/2018CFF**

**Mohamad Saeed Mohammad**
**Vs**
**Sharon Fenech**
**Salvina Schembri**

**Illum 22 ta' Gunju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur, Mohamad Saeed Mohammad, fejn talab sabiex il-konvenuti jkunu kkundannati li jhalsu s-somma ta' sitt'elef, mitejn u erbgha u hamsin ewro (€6,254) oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sal-pagament effettiv, liema somma hija dovuta minnhom ghax-xoghol ta' gypsum, kisi, zebgha, qlugh ta' madum, xoghol relatat u materjal li sar fil-fond 80, Flat 1, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema xoghol tlesta fix-xahar ta' Jannar 2018.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u mandat ta' sekwestru kawtelatorju annessi.

Rat ir-**Risposta ta' Sharon Fenech** fejn esponiet bir-rispett:

Illi hija wahda mill-intimati fil-kawza fl-ismijiet hawn indikati.

Illi hija ssostni li t-talba tal-attura hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Illi preliminarjament l-attur irid jipprova li huwa ghandu l-licenzja li jaghmel ix-xoghlijiet li ghalihom qed jitlob il-hlas.

Illi fid-dritt, il-konvenut thallas ghax-xoghlijiet li esegwixxa fil-fond 80, Flat 1, Triq l-Ifran, Valletta, l-ammont kollu li talab, parti f'Jannar 2017 u l-bilanc meta spicca x-xoghol u dan tant hu minnu li hareg l-ircevuta fiskali;

Illi dan qed jinghad appuntu mis-sottomissjonijiet preliminari li huwa legalment ma setax joffri u jesegwixxi x-xoghol li allegatament ghamel, u dan l-esponenti saret taf bih meta talab il-hlas ghax-xoghol u mhux qabel;

Illi fil-fatt ix-xoghol li allegatament sar ma kienx ix-xoghol kollu li wieghed li jaghmel il-konvenut u ma kienx xoghol tas-sengha u fih hafna difetti li rrizultaw meta spicca x-xoghol.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datata 16 ta' Dicembru, 2019, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

**Mario Magro**, mil-Awtorita' tad-Djar, ikkonferma li nhar l-1 ta' Novembru 2017, Salvina Schembri, 311834M, kienet ghamlet applikazzjoni sabiex isiru xi 'improvements' jew manutenzjonijiet fil-propjeta'. Huwa jghid li kien sar ftehim bejn l-Awtorita' u s-Sinjura Schembri u kkonferma li s'sissa l-Awtorita' ghadha ma nghatatx l-ircevuti kollha u l-ammont li nghata lil Salvina Schembri kien ta' 1,700 ewro fuq tikhil u kisi biss. Meta mistoqsi ghaliex hemm diskrepanza mill-ircevuta ta' 4,500 ewro huwa spjega li huma jimxu fuq l-istima tat-technicians taghhom. Huwa kkonferma wkoll li ghalkemm is-Sinjura Schembri pprezentat ircevuta ta' dawl u ilma, dawn il-fondi ghadhom ma nghatux minhabba li qed jitolbu certifikat tal-'elettrician'.

**Sharon Fenech**, tikkonferma li hija toqghod fid-dar fejn saru x-xoghlijiet flimkien ma' ommha, nannitha u t-tfal taghha u li bhalissa nannitha tinsab rikoverata go dar tax-xjuh minhabba li wegghet. Hija tinnega li s-Sur Mohammad qatt iltaqa' man-nanna taghha. Meta mistoqsija hija tikkonferma li l-applikazzjoni tal-Awtorita' tad-Djar kienet iffimatha nannitha u li c-cheque kienet ircevitu u sarfitu hija wkoll. Hija tghid li s-Sur Mohammad kien taha stima ta' sebat'elef ewro (€7,000) u li hija kienet tatu erbat'elef u hames mija (€4,500) 'cash' bhala 'deposit' f'Dicembru, u mhux elf (€1,000) u elfejn u hames mija (€2,500) ohra xahar wara meta qallha li lest mid-dawl u l-ilma. Is-Sinjura Falzon tghid li kien talabha sitt'elef (€6,000) ohra ghax qal li ma halsitux bizzejjed tax-xoghol kollu u tal-gypsum u l-madum, izda hija ma kinitx tathomlu. Hija spjegat li biex jirranga d-dawl u l-ilma, is-Sur Mohammad kien qabbad lavrant, izda il-problema tad-dawl baqghet hemm. Meta mistoqsija hija tikkonferma li kien ohtha kienet tatomla l-flus u li kien hemm ohtha u ommha prezenti meta tat il-flus lis-Sur Mohammad. Hija tghid li mix-xoghol kollu li ghamel is-Sur Mohammad iz-zebgha biss ghamel sew pero' is-saqaf, il-gallarija, is-suffetti u x-xaft ma sarux, jew ma sarux sew. Meta mistoqsija hija tikkonferma li ma hadet l-ebda passi kontra Saeed u lanqas talbitu l-flus lura li kienet hallsitu. Hija tghid ukoll li gieli kienet tmur fuq il-post fejn suppost kien qed jahdem u ma ssibux hemm, u lestilha fi zmien xahar.

**Claudine Fenech** tikkonferma li hija selfet sebat'elef ewro (€7,000) lil ohtha sabiex idurulha d-dar. Hija tghid li l-unika darba li marret il-haddiema ma sabithomx hemm u li d-dar ghadha fl-istess stat li kienet qabel. Meta mistoqsija hija tikkonferma li l-flus kienet tathom lil ohtha kontanti u li kienet gibdithom mil-bank. Meta mistoqsija hija tikkonferma li ma kinitx hemm meta ohtha tat il-flus lis-Sur Mohamad. Hija regghet ikkonfermat li huwa ma ghamel xejn hlief zebgha, il-bqija baqa' kollox l-istess, la bidel madum, la s-suffett u lanqas il-gallarija.

**Mohamad Saeed Mohammad** jghid li qabel beda x-xoghol kellem personalment kemm lil Salvina u lil Sharon. Huwa jikkonferma li l-istima originali kienet ta' erbat'elef u hames mija (€4,500) li kienet tikludi kisi, zebgha, tikhil fis-saqaf tal-kamra tal-banju u kisi u zebgha fil-gallarija u li kien talabha elf ewro (€1,000) deposit. Huwa kompla jghid li l-'gypsum board' u qlugh ta' madum tal-kcina kienu mizjuda wara. Huwa jikkonferma wkoll li hu m'ghandux licenzja tad-dawl u filfatt kien qabbad habib tieghu mas-Sinjura biex jaghmlilha x-xoghol tad-dawl u l-ilma. Meta mistoqsi huwa jikkonferma dak

iz-zmien ma kellux ktieb tal-VAT u habib tieghu hariglu rcevuta ta' €4500 li kien ha hu, u €2,500 li kien ha habib tieghu ghax-xoghol tad-dawl u l-ilma.

**Claudine Fenech** tispjega li marret il-bank u hadet il-flus kontanti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Kontumacja:
Illi l-konvenuta Salvina Schembri kienet giet notifikata bit-talba li ghamel il-konvenut fir-rikors promotur sabiex jintalab il-hlas li huwa dovut ghal xoghol li huwa ghamel. Mill-atti processwali jidher li l-istess konvenuta Salvina Schembri baqghet ma dahlitx risposta ghal tali talba li sarilha. Illi lanqas ma kien hemm xi talba minn naha tal-konvenuta Schembri sabiex taghti ragunijiet jew inkella dehret ghal xi seduta. Illi din il-Qorti diversament preseduta fid-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2019 ghamlet referenza ghal din in-nota prezentata li l-konvenuta Salvina Schembri kienet qieghda tbati minn dementia. Illi f'dan il-kaz, din ma kenitx talba kif jitlob l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi ammess f'dawn il-proceduri.

Illi kien fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020, li l-Qorti gie indikat lilha li l-konvenuta qatt ma resqet risposta u ghalhekk intalab li tigi dikjarata kontumacja u fil-fatt hekk sar. Illi lanqas ma tresqu provi dwar il-kundizzjoni medika tal-istess konvenuta Salvina Schembri hlief certifikat mediku anness ma' nota fejn ma giex guramentat jew konfermat minn hadd. Illi l-Qorti tfakkar illi, kif gie kostantement deciz minn dawn il-Qrati, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni. Ghall-kuntrarju, dejjem qieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fl-artikolu 158 tal-Kap 12 fl-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett ghas-sejha tal-Qorti li l-ligi tikkastiga bhala element ta' disordni socjali (**App. Ċiv Joseph Vella pro et noe vs John Vella, 21 ta' Mejju, 1993**). Illi ghalhekk, f'dan il-kaz l-attur xorta jrid jipprova l-kaz tieghu skont it-talbiet li jkun ghamel u anki ghal fatt li l-konvenuta l-ohra dahlet risposta.

**Il-Kwistjoni bejn il-partijiet**
Illi dan il-kaz huwa dwar xoghol li kellu jsir gewwa r-residenza li tabita fiha l-konvenuta Salvina Schembri kif ukoll Sharon Fenech. Illi mill-provi hareg li l-attur kien intalab minn Sharon Fenech jaghtiha stima ghal xoghol li kellu jsir f'din ir-residenza ghal xoghol ta' tibjid, kisi u affarijiet relatati. Illi skont ma' qal l-attur fl-affidavit tieghu, huwa kien ta stima ta' 4500 Euro minghajr VAT. Kien gie infurmat minn Sharon Fenech li ommha kienet lesta li jibdilha x-xoghol pero fl-istess hin kienet se thallas deposit ta' 1000 Euro u l-kumplament jithallas mill-Housing Authority. L-attur kompla jghid li sab xi problemi fid-dawl u kien qabbadhom ma' persuna ohra sabiex jkun jista' jirrangalhom d-dawl u hekk sar. Wara li kien beda x-xoghol kien gie mitlub jaghmel xi xoghol tal-gypsum liema valur kien tela' ghas-somma ta' tmien mitt Euro (800 Euro). Wara xi zmien il-konvenuta Sharon Fenech talbitu ricevuti sabiex jinbeda l-process mal-Housing Authority ghal hlas. Minn naha tal-konvenuta Sharon Fenech tichad li ghandha taghtih aktar flus ghax hija kienet halset l-ammont mitlub minnhu tant li kien hareg zewg ricevuti tal-VAT tal-hlas bl-ammont ta' 4500 Euro u ohra 2500 Euro li kienu gew mghoddija lill-Housing Authority. Illi skont hi kienet halsitu diga tax-xoghol li kien ghamel ghalkemm ma kienx skont il-hila u s-sengha. Fil-fatt skont Mario Magro li huwa rapprezentant tal-Housing Authority fejn ikkonferma li kienu halsu biss is-somma ta' madwar 1700 Euro lill-konvenuta wara li kien gie iffirmat ftehim bejn l-Awtorita u l-konvenuta halli tithallas tax-xoghol li jkun sar. Illi ghalkemm kien hemm talba sabiex jingiebu compliance certificate minn naha tal-konvenuta, dan qatt ma wasal u ghalhekk il-kumplament tal-pagamenti ma sarux.

**Provi u Rizultanzi**
Jigi osservat li huwa principju guridiku stabbilit li l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju *'actor non probante, reus absolvitur.* Illi l-kwistjoni kollha hija fuq dak li xehed l-istess attur Mohammed Saeed Mohammed li kien gie imqabbad li jaghmel ix-xoghol fir-residenza tal-konvenuta.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-istess attur u cioe' Dok A, jidher li kien hemm komunikazzjoni ma' persuna permezz ta' messaggi izda ma' min kienu qieghdin isiru ma gewx konfermati. Illi jidher f'dawn il-messaggi li hemm talba jekk fil-fatt kienx lest li jibda jahdem jekk jigi mhallas elf Euro deposit. Illi risposta fil-messaggi ma kienx hemm imma skont l-istess attur huma kien halsuh elf Euro. Illi skont l-istess attur huwa talab is-somma ta' 6254 Euro li minnhom thallas biss elf Euro (ghalkemm fit-talba tieghu tar-rikors promotur huwa ma semma xejn dwar ammont pretiz ta' 5254 Euro izda inkluda wkoll l-elf Euro li stqarr li thallas[1]).

Illi hareg li mid-dokumenti esebiti minn Mario Magro bhala rapprezentant tal-Housing Authority, li kien hemm zewg ricevuti tal-VAT mahruga minn persuna ohra li mhux l-attur. Dawn iz-zewg ricevuti (dok MMZ a fol 48) juru li wahda minnhom kienet ta' 4500 Euro ghal xoghol ta' kisi u tibjid mahruga lil Salvina Schembri. Illi jigi nnotat ukoll li f'dan l-ammont hemm imnizzel li VAT qieghed jigi inkluz. Illi skont l-istess konvenuta kienet halset is-somma ta' 4500 Euro lill-attur liema flus kienu in kontanti u hadithom minn ghand ohta Claudine Fenech. Din tal-ahhar ikkonfermat li kienet selfet l-ammont ta' 4500 Euro u ftit wara regghet tat 2500 Euro sabiex jithallas kont iehor tad-dawl u ilma. Illi kien ghalhekk li l-attur hassu aggravat fejn insista li huwa ma kienx thallas tax-xoghol li kien ghamel kontra dak li qieghda tghid il-konvenuta Sharon Fenech.

**Konsiderazzjonijiet legali**
Il-Qorti evalwat il-provi li tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet. Il-vertenza bejn il-partijiet hija li filwaqt li l-attur qieghed jivvanta pretensjoni ghall-hlas tax-xoghlijiet imwettqa minnu li l-bilanc huwa ta' 6254 Euro. Mill-ezami anke superficjali tax-xhieda mghotija l-kunflitt fil-versjonijiet hi wahda lampanti. Hekk filwaqt li l-attur jghid li huwa qatt ma thallas (hlief ghal elf (1000) Euro dak kollu li kien dovut lilhu tax-xoghol li ghamel, min-naha tal-konvenuta tghid li hija halset dak kollu dovut. Illi fis-sentenza mghotija mill-Imhallef Philip Sciberras (Prim Awla tal-Qorti Civili) fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Farrugia –vs- Rokku Farrugia****", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966* fejn qalet hekk:

> *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u vero similjanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet qabbdet lill-attur biex jaghmel ix-xoghol u skont l-attur l-istima kienet ta' 4500 Euro fejn il-VAT ma kienx inkluz. Min-naha tal-konvenuta tghid li kienet ta' 7000 Euro li kien jinkludi kollox kemm id-dawl, l-ilma u t-tibjid. Huma kienu accettaw u beda x-xoghol fejn l-attur jghid li kienu halsuh biss elf Euro u ghalhekk ma kienx thallas ta' kollox u x-xoghol iehor li kien ghamel wara li beda.

Illi f'dan il-kaz ebda wahda mill-partijiet ma ghamlet talba sabiex jigi mahtur perit tekniku sabiex jigi analizzat ix-xoghol li sar u jevalwa l-istess kont li nhareg mill-attur. Illi pero jidher li l-Housing Authority

[1] Affidavit a fol 40

accettat li thallas wara li evalwat ix-xoghol li kien sar u dan kien gie iffirmat kuntratt bejn il-konvenuta Salvina Schembri u l-Awtorita' nnifisha. Illi ghalhekk bla dubju x-xoghol kien sar u ghalhekk jibqa jekk fil-fatt kienx hemm hlas jew le.

Illi jinghad li x-xhud Claudine Fenech stqarret li kienet hi li harget il-flus u insistit li fil-fatt hargithom mill-Bank. Pero' meta regghet xehdet ikkonfermat li ma kienux hargu mill-Bank. Min-naha tal-attur stqarr li kien gab zewg ricevuti tal-VAT mahruga minn persuna ohra (li ma telghetx tixhed f'dawn il-proceduri) ghax-xoghol li huwa ghamel. Illi skont l-istess ricevuti jidher bic-car li l-ammont imhallas fuqha huwa ta' 4500 Ewro bil-VAT inkluz. Illi ghalhekk anki hawn il-Qorti tinnota li hemm talba ta' kwazi 954 Ewro ghal hlas tal-VAT. Illi jekk il-Qorti jkollha tilqa' ghal tali hlas dan kien iffisser li l-hlas kien ikun sar darbtejn tal-VAT. Illi skont ir-ricevuta tal-VAT liema ammont kien inkluz fl-4500 Ewro, se mai l-ammont tal-VAT huwa biss ta' 810 Euro li qieghed imdahhal fl-4500 Ewro li hemm fl-ircevuta mahruga.

Illi din il-Qorti lanqas tista' tara li jkun hemm hlas tal-VAT jekk dan l-ammont mhux dovut lill-attur meta ma kenitx il-persuna li harget dawn l-ircevuti. Illi jekk kien hemm ftehim ta' xi hlas bejn l-attur u l-persuna li harget l-ircevuti tal-VAT zgur ma ngiebet ebda prova ta' tali hlas. Illi ghalhekk t-talba tal-hlas tal-VAT kif mitluba ma tistax tigi milqugha minn din il-Qorti meta jidher bic-car li dan l-ammont qieghed jigi mitlub darbtejn (parti huwa inkluz fl-ircevuta tal-VAT tal-4500 Euro) u rega' nhadem fuq l-ammont pretiz globalment u cioe' fis-somma ta' 4500 Euro u t-800 Euro maqghudin flimkien. Illi wkoll ma ngiebet ebda prova ta' hlas ta' materjal jew informazzjoni ohra ta' dak li qieghed jippretendi l-attur u cioe' it-800 Euro. Illi l-Qorti ma tistax tassumi li x-xoghol kien sar minghajr informazzjoni ta' kif wasal ghal dak l-ammont minnhu pretiz meta lanqas fl-istess kuntratt li jinsab a fol 49 ma hemm referenza ghal xi xoghol ta' gypsum.

Illi pero ghandu jinghad li fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Zammit et vs Emanuele Galea** et deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Frar 2003, il-Qorti qalet hekk fejn kwotat minn sentenza ohra li:

> "*Dwar l-eccezzjoni l-ohra fuq il-pagament gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati li min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt. (ara sentenza Vol XLIX p 776).*"

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970 illi:

> "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.*"

It-taghlim f'din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-kreditur f'dawk il-kazijiet biss fejn jigi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju ragjonevoli. Tali prova mhux necessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-ricevuta. Dan ghaliex mhux eskluz li l-prova ta' hlas issir mod iehor ("**Joe Chetcuti et –vs- Joseph Pearson et noe**") Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dejjem pero' jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ippruvat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti.

Illi anki hawn il-Qorti tal-Appell qalet "Issa huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (Ara "**Av. J. Buttigieg noe –vs- Jos. Portelli noe**", Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "**Joe Chetcuti noe –vs- Joseph Pearson et noe**," Appell, 5 ta' Ottubru 1998).

Illi wkoll fil-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja** fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"Dan mhux strettament il-punt hawn gjaladarba skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi mbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif jinghad mill-**Phipson "On Evidence**", 11th Edition, para 103 "In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case".*
>
> *L-istess awtur jispjega wkoll (op cit, para 91) illi r-regola "Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio" "is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case".*
>
> *Minn dawn il-konsiderazzjonijiet huwa logiku illi qabel il-prova tal-pagament da parte tal-konvenut, li hu imprexxindibilment kien ikun obbligat jaghmel, l-ewwel stava ghall-attur illi jissodisfa lill-Qorti bi grad ta' prova li ma tkunx wahda merament possibbli imma bazata fuq il-probabilita'.*

Illi f'cirkostanzi bhal ma' ghandha quddiema l-Qorti, ma tarax li l-attur fil-grad tal-probbabli wasal sabiex jipprova l-ezistenza tal-kreditu dovut lilhu. Huwa wkoll fatt li Claudine Fenech qalet li l-flus hargu mill-Bank izda wara irtirat kollox dak li qalet. Illi pero l-argument li l-attur hareg l-ircevuti li huma ta' haddiehor (minhabba l-fatt li qal li ma kellux numru tal-VAT dak iz-zmien) sabiex jinbeda l-process mal-Housing Authority ma jaghmilx sens. Ladarba inhargu l-ircevuti ma jaghmilx sens li jinghataw u dan wara li ma kien hemm ebda pagament minn naha tal-konvenuti. Illi lanqas jaghmel sens li l-attur jitlob ukoll il-hlas tal-VAT meta lanqas ma hareg xi ricevuta fuq ismu ghal xoghol li huwa ghamel. Illi VAT se mai kien dovut fuq min hareg l-ircevuti u mhux fuq l-attur. Illi lanqas il-persuna li isimha jidher fuq l-ircevuti ma tela jixhed u jikkonferma xi fatti. Illi lanqas ma jista jinghad jekk il-konvenuti ma fethux xi kawza kontra l-attur allura tacitament qieghdin jaccettaw l-affarijiet li saru. Illi jidher b'mod car, li lanqas l-attur ma jaf x'kien qieghed isir specjalment fejn huwa stess qabbad persuna biex tghaddi d-dawl u l-ircevuta tinhareg ta' persuna ohra li ma ghamlet xejn minn dan ix-xoghol.

## Decide

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur.**

**L-ispejjez tal-kawza għandhom jkunu a karigu tal-attur Moahmmed Saeed Mohammed.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**